MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 84/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**Vs**
**Omissis**
**John Mamo**
**Maruska Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [John Mamo detentur tal-karta tal-identita` numru 146384M u Maruska Mamo detentrici tal-karta tal-identita` numru 520882M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli ġewwa San Ġiljan,nhar l-04 ta' Frar 2011, għal ħabta ta' nofsinhar neqsin ħames minuti (11.55hrs), ġewwa ix-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, bil-ħsieb li jagħmlu delitt u ċioe serq minn fuq il-persuna ta' Michie Moriguchi, wrew dan il-ħsieb b'atti esterñí u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex

esegwit minhabba xi haga aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbeż mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94) iżda mhux elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Michie Moriguchi;

Lil omissis waħdu akkużat talli rrenda ruħu reċidiv ai Termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 261(1)(c), 276, 277(a), 41(1)(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti ħatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom sena prigunerija b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin biex l-appellanti jattendu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Finalment il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant John Mamo minnu pprezentat fit-22 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-akkuzi miġjuba kontra tieghu u tvarjha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal sena priġunerija u tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maruska Mamo minnha pprezentat fit-22 ta' Frar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tvarjha f'dik il-parti fejn

ikkundannat lill-appellant għal sena priġunerija u tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena fiċ-ċirkostanzi kienet waħda eċċessiva, u dan minhabba fir-raġunijiet li se jingħataw.

Illi ghal ragunijiet li se jaghtu l-appellanti jhossu li l-piena idonea fic-cirkostanzi kienet tkun sentenza ta' prigunerija sospiza u jigi applikat ukoll id-dispost ta' l-artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali u cioe` dak ta' ordni ta' supervizjoni.

Illi dan qed jinghad fl-isfond tal-fatt li l-appellanti huma ta' eta` pjuttost żgħira u ghalhekk huwa konducenti fl-isfond ta' l-iskop ewlieni tal-piena u cioe` r-riforma li huma jinghataw l-opportunita` jirriformaw ruhhom.

Illi dan qed jinghad anke in vista tal-fatt li l-fedini penali tagħhom mhumiex daqstant raffrettarji. Il-Qorti jidher li ma tantx tat portata l-fatt li l-appellanti ikkoperaw pjenament mal-pulizija esekuttiva u ammettew fl-ewwel udjenza.

Illi jinghad ukoll li l-esponent John Mamo huwa tossiku dipendenti u jixtieq saħansitra li jsegwi programm għar-riabilitazzjoni mid-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

Illi in oltre jingħad li hawn si tratta ta' tentattiv ta' reat u għalhekk għandu jigi rimarkat li ħadd ma rreka xi preġudizzju ekonomiku.

Semgħet ix-xhieda r-rappreżentanta tal-Caritas tixhed dwar il-programm ta' individual sessions li qed isegwi John Mamo u għas-support li qed jingħata minn martu.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett hija prattika tal-Qrati tal-Appell Kriminali li ma jiddisturbawx id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Ewwel Grad jekk il-piena mogħtija kienet fil-parametri kkontemplati mil-Liġi.

Il-Qorti eżaminat l-artikoli tal-Liġi relevanti.  Fil-każ taż-żewġ appellanti, dawn huma l-artikoli 261(a)(c), 276, 277(a) u 41(a). L-artikolu 276 jikkontempla piena ta’ minn żmien 9 xhur sa tliet snin.  Bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) bi tnaqqis ta’ grad, allura l-minimum ikun seba’ xhur u l-massimu sentejn.  Tnaqqis b’żewġ gradi jwassal għal piena minn ħames xhur sa tmintax-il xahar.  Il-piena ta’ sena priġunerija għalhekk taqa’ fil-parametri tal-Liġi. Kien f’idejn l-Ewwel Qorti tara liema piena kienet l-aħjar waħda u li tikkonsidra kemm il-fedina penali kif ukoll il-gravanti tal-vjolenza fir-reat.  Jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti qieset ukoll l-ammissjoni li saret mal-ewwel u l-koperazzjoni mal-Pulizija.

Iż-żewġ appellanti ammettew mill-ewwel iżda mhumiex first time offenders għalkemm ma kellhom ebda akkuża ta’ reċidiva.  Iżda  mill-fedina penali tal-imputat John Mamo jirriżulta li lejliet li tressaq jirriżulta li huwa kien akkużat b’reat simili u kien mogħti ċans mill-Qorti billi tpoġġa taħt probation.  F’anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa reġa’ pprova jwettaq reat simili għal dak li kien wettaq fit-3 ta’ Frar 2011.

Min-naħa l-oħra l-appellanti Marouska Mamo kienet għamlet għadd ta’ serqiet fis-17 ta’ Settembru 2004, Kienet illiberata b’kundizzjoni għal 18-il xahar. Fis-26 ta’ April 2007 kienet ukoll wettqet serqa li minnha wkoll kienet liberata b’kundizzjoni għal żmien sentejn.

Għalhekk mill-fedina penali jirriżulta ċar li ż-żewġ appellanti ngħataw ċans biex jirriformaw ruħhom.

Huwa tajjeb li l-appellant John Mamo beda programm. Iżda dan seta' bdieh qabel u mhux bdieh meta ħass id-dell tqil tal-piena fuqu.

Il-Qorti tfakkar ukoll li ebda vizzju tad-droga ma jiġġustifika s-serq. Jekk wieħed għandu dan il-vizzju, għandu jieħu ħsieb li jkun ikkurat u liċ-ċittadin iħallih fil-kwiet.

Il-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha esposti hawn fuq, ma hemm ebda raġuni għala għandha tvarja l-piena inflitta fuq iż-żewġ appellanti. Għalhekk qed tiċħad iż-żewġ appelli u tikkonferma s-sentenza mogħtija fid-9 ta' Frar 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Omissis, John Mamo u Marouska Mamo' mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-intier tagħha. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li John Mamo jkompli l-

programm ta' riabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------